**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 14 ta' Dicembru 2022**

Rikors Numru: 515/22 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 741/2010)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi il-partijiet izzewgu fit-22 ta' Mejju 2010 liema zwieg kien debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru seba' mija u wiehed u erbghin tas-sena elfejn u ghaxra [741/2010] u minn dak iz-zwieg twieldu zewgt ulied, E D B u F D B [hawn anness u mmarkat Dok A];

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Joseph Abela datat 24 ta' Mejju 2019 (hawn anness u mmarkat Dok B);

3. Illi m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi l-partijiet ilhom effettivament jghixu hajja separata ghall-iktar minn tlett snin u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Ili l-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt rispettiv taghhom li jitolbu u/jew li jircievu manteniment minghand xulxin;

5. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet mahlul u tippronunzja d-divorzju bejn il partijiet ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-4 t’Ottubru, 2022;

Ssemghet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li m’ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi ilha legalment separata mill-24 ta’ Mejju 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.